# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-13 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 506/2009 SM**

**Scerri Maria Dolores *sive* Doris**
**(I.D. No. 814855 M) bhala mandatrici**
**specjali tal-assenti minn Malta**
**Mark Scerri (I.D. No. 396884 M)**
**u b'digriet datat it-23 ta' Gunju, 2015,**
**Mark Scerri assuma l-atti**

**vs.**

**1. Farrugia Paul (I.D. No. 540483)**

**2. Mapfre Middlesea p.l.c.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-26 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi ghall-habta tat-8.30a.m. tal-20 t'Ottubru, 2006, sehh incident awtomobilistiku fi Triq Burmarrad, Burmarrad, bejn vettura tal-marka Toyota Vitz bin-numru GBE – 472 misjuqa minn Angela Ciappara; il-vettura tal-marka Citroen Berlingo bin-numru PYR – 200 misjuqa minn Jethro Bugeja; u l-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru AAP – 902 misjuqa mill-intimat Paul Farrugia;

1.2. Illi r-rikorrenti Mark Scerri kien passiggier fil-vettura Citroen fuq indikata;

1.3. Illi l-incident in dizamina sehh *ex admissis* wara l-intimat Paul Farrugia baqa' diehel fil-vettura tal-marka Citroen li kienet quddiemu fuq ukoll indikata, b'din il-vettura imbaghad tidhol fuq it-Toyota ta' quddiema, (ara rapport tal-Pulizija a foll 8 u 263);

1.4. Illi ghalhekk ghall-incident u danni konsegwenzjali in dizamina kien jahti biss l-intimat Paul Farrugia u dan, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

1.5. Illi l-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru AAP – 902 misjuga mill-intimat Paul Farrugia kienet assigurata mas-socjeta` intimata *Middlesea Insurance plc*, sussegwentement *Mapfre Middlesea plc.* tramite l-agenti taghha *Allcare Insurance Agency Limited*;

1.6. Illi l-intimat Farrugia iddelega lill-assikuraturi tieghu biex jittrattaw mar-rikorrenti rigward id-danni minnu sofferti kif fil-fatt sar;

1.7. Illi r-rikorrenti sofra danni kemm *damnum emergens*, kif ukoll *lucrum cessans*, peress li garrab debilita` permanenti, (ara foll 10 u 12);

1.8. Illi *nonostante* li debitament interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.9. Illi ghaldaqstant adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in dizamina fuq indikat sehh unikament tort u htija tal-intimat Paul Farrugia u allura jahti wkoll unikament ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.9.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti kemm *damnum emergens* u *lucrum cessans*, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.9.3. Tikkundanna lill-intimat Paul Farrugia u lis-socjeta` intimata Mapfre Middlesea p.l.c. bhala socjeta` assikuratrici tal-vettura AAP – 902 biex ihallsu *in solidum* l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti;

1.9.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi kontra l-intimati *in solidum*;

2. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata il-11 t'Awwissu, 2009, li permezz tieghu stabbiliet il-procedura li biha l-partijiet kellhom jipprocedu f'din il-kawza, (ara foll 14);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata it-3 ta' Settembru, 2009, li permezz taghha sintetikament wiegbet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti;

3.1. Illi r-rikorrenti *nomine* Maria Dolores *sive* Doris Scerri trid tipprova l-mandat taghha;

3.2. Illi l-intimat Farrugia mhux kopert b'polza tas-sigurta` mis-socjeta` intimata;

3.3. Illi dwar il-fatti tissottolinea sintetikament is-segwenti:

3.3.1. Illi l-ewwel zewg (2) paragrafi tar-rikors guramentat promotur mhumiex kontestati, (ara foll 1);

3.3.2. Illi rigward il-hames (5) paragrafu tal-istess rikors promotur tichad li trattat f'isem l-intimat Farrugia dwar id-danni sofferti mir-rikorrenti, (ara foll 2);

3.3.3. Illi kull trattattivi li saru kienu minhabba l-obbligi legali tal-istess socjeta` intimata;

3.3.4. Illi dwar il-paragrafi numru tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) tal-istess rikors promotur, tirrimetti ruhha, (ara foll 1 u 2);

3.4. Illi tirriserva kull dritt u azzjoni kontra l-intimat Farrugia ghad-danni li sofriet jew li tista' ssofri;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Paul Farrugia datata l-15 ta' Dicembru, 2009, li permezz taghha sintetikament irrisponda s-segwenti:

4.1. Illi preliminarjament trid issir il-prova li l-preskrizzjoni giet interrotta skont il-ligi qabel ma gie intavolat ir-rikors guramentat promotur;

4.2. Illi t-talba tar-rikorrenti hi preskritta bit-trapass ta' sentejn (2) *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.3. Illi trid issir il-prova tal-mandat ta' Maria Dolores *sive* Doris Scerri biex tintavola l-procedura odjerna f'isem Mark Scerri;

4.4. Illi l-prova rigwardanti d-debilita` permanenti rikjamata tispetta lir-rikorrenti;

4.5. Illi t-talba ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni hi kontestata;

4.6. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-16 ta' Frar, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 126 u 127);

6. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat it-18 ta' Novembru, 2010, li permezz tieghu awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jipprezentaw nota t'osservazzjonijiet fit-termini hemm minnha indikati (ara foll 158), rigwardanti l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Paul Farrugia dwar il-preskrizzjoni minnhu sollevata, (ara foll 173);

7. Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-intimat Farrugia datata l-4 ta' Jannar, 2011, (ara foll 159);

8. Rat il-verbal datat it-22 ta' Frar, 2011, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti iddikjara li irrinunzja ghan-nota u li ghazel li jittratta l-kwistjoni sollevata, (ara foll 164);

9. Rat is-sentenza preliminari datata l-24 ta' Mejju, 2011, (ara foll 166);

10. Rat id-digriet datat l-10 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimat Farrugia biex jappella mis-sentenza preliminari indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 234);

11. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata t-28 ta' Settembru, 2012, li permezz taghha ikkonfermat is-sentenza appellata u rrinvjat l-atti lura lill-ewwel qorti (ara foll 217 *et sequitur*);

12. Rat l-istess digriet indikat fil-paragrafu immedjatament qabel dak precedenti li permezz tieghu hatret lill-espert mediku hemm indikat, (ara foll 234 u 235);

13. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-assistent gudizzjarju biex tirritorna l-inkartament fl-atti ta' din il-procedura, (ara foll 295);

14. Rat in-nota datata z-19 ta' Gunju, 2015, li permezz taghha Mark Scerri assuma l-atti tar-rikors guramentat promotur f'ismu proprju, (ara foll 385);

15. Rat id-digriet taghha datat il-21 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu, fuq talba appozita, awtorizzat it-tibdil mitlub f'isem is-socjeta` intimata kif hemm indikat, (ara foll 387);

16. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 390);

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Mark Scerri datata l-21 ta' Marzu, 2016, (ara foll 391), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata Mapfre Middlesea p.l.c. datata wkoll il-21 ta' Marzu, 2016, (ara foll 395), u dik tal-intimat Paul Farrugia datata t-18 t'April, 2016, (ara foll 401);

18. Semghet ix-xhieda prodotta;

19. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati ipprezentanti *in atti*;

Ikkunsidrat:

20. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

    20.1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tat-8.30a.m. tal-20 t'Ottubru, 2006, meta r-rikorrenti Mark Scerri kien passiggier fil-vettura tat-tip Citroen Berlingo numru PYR – 200 misjuqa minn Jethro Bugeja waqt li kienu fi Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar, (ara foll 6, 31A u 290);

    20.2. Illi fil-hin tal-incident it-traffiku kien wieqaf u immedjatament quddiem il-vettura indikata fil-paragrafu precedenti kien hemm il-vettura tat-tip Toyota Vitz u kien hemm distanza ta' karozza u nofs bejn vettura u ohra, (ara foll 290);

    20.3. Illi ftit sekondi wara li l-istess Citroen Berlingo waqfet fit-traffiku kif fuq indikat:

20.3.1. Instema’ hoss ta’ *“tyres”* iwerzqu gej mill-vettura immedjatament warajha;

20.3.2. Illi l-vettura involuta kienet tat-tip Ford Transit numru AAP – 902 misjuga minn Paul Farrugia – l-intimat, (ara foll 8, 32 u 290);

20.3.3. Illi l-inpatt kien wiehed kbir – tant li l-vettura immedjatament ta’ quddiem il-Ford Transit giet imbuttata mill-posizzjoni stazzjonarja li kienet fiha ghal fuq il-vettura ta’ quddiemha tat-tip Toyota Vitz, numru GBE – 472, (ara foll 8 u 32);

20.4. Illi wara l-incident issejhu l-Pulizija u l-ambulanza, (ara foll 32 u 291);

20.5. Illi r-rikorrenti passiggier Mark Scerri u l-konducent Jethro Bugeja gew rikoverati l-isptar;

20.6. Illi r-rikorrenti sofra minn ugigh f’koxtu l-leminija (ara foll 32), u fin-naha t’isfel ta’ dahru, (ara foll 246);

Ikkunsidrat:

21.0. Illi mir-relazzjoni tal-espert mediku appozitament nominat *in atti* jirrizulta sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi l-ugigh li has sir-rikorrenti qatt ma hassu qabel l-incident in kwistjoni;

21.2. Illi ghalkemm intbaghtet l-ambulanza fuq il-post wara l-incident, ir-rikorrenti ma hassx li kellu bzonn imur l-isptar, (ara foll 246);

21.3. Illi pero` irrizulta li l-ugigh baqa’ jippersisti u gimgha wara l-incident kien kostrett imur ic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, (ara foll 246);

21.4. Illi fuq struzzjonijiet ta’ konsulent mediku ir-rikorrenti gie indirizzat ghand fizjoterapista, (ara foll 246);

21.5. Illi wara li giet effettwata *MRI* fuq ir-rikorrenti kien informat li kellu *“slipped disc”* fil-parti t’isfel ta’ dahru u ghalhekk kellu bzonn t’intervent kirugiku, (ara foll 246);

21.6. Illi l-intervent kirurgiku kien effettwat fit-8 ta’ Mejju, 2007, (ara foll 246);

21.7. Illi rizultat tal-istess operazzjoni ghamel sitt (6) xhur ma jahdimx, (ara foll 246);

21.8. Illi sussegwentement kien impjegat mas-socjeta` *Ryanair* bhala membru tal-*“cabin crew”*, (ara foll 246);

21.9. Illi sa hames (5) snin wara l-incident kien ghadu jhoss ugigh fil-parti t’isfel ta’ dahru, (ara foll 247);

21.10. Illi ihoss dawn is-sintomi partikolarment meta jqandel, jiehu skoss; idum bilqeghda u meta jsuq, (ara foll 247);

21.11. Illi rizultat tal-istess inghata parir mediku professjonali li ma jippartecipax f’attivita` sportiva, (ara foll 247);

21.12. Illi rizultat tal-istess incident in dizamina r-rikorrenti garrab is-segwenti:

21.12.1. *“Slipped disc”* fil-parti t’isfel ta’ dahru, (ara foll 248);

21.12.2. Kien ghalhekk kostrett jissubixxi l-intervent kirurgiku fuq riferit, (ara foll 248);

21.12.3. Ma jirrizultax li kellu kumplikazzjonijiet wara l-imsemmi intervent, (ara foll 248);

21.12.4. Illi pero` minn zmien ghal zmien kien ibati minn ugigh f’dahru, (ara foll 248);

21.12.5. Illi dan l-ugigh riskontrat hu normali wara tali intervent, (ara foll 248);

22. Illi rizultat tal-istess l-espert mediku nominat stabilixxa li r-rikorrenti Mark Scerri kien qieghed isofri rata’ ta’ dizabilita` ta’ ghaxra fil-mija, (10%), (ara foll 248);

Ikkunsidrat:

23. Illi minn ezami akkurat tad-dokumentazzjoni kollha *in atti* u tax-xhieda prodotta, din il-qorti m'ghandha xejn x'ticcensura fl-operat tal-istess espert mediku *de quo*, u konsegwentement, tiddikjara li qed taghmel taghha l-konkluzjonijiet li l-istess espert mediku wasal ghalihom;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi preliminarjament qed jigu epurati zewg eccezzjonijiet preliminari rispettivament sollevati kemm mis-socjeta` intimata u mill-intimat, senjatament:

24.1. Il-prova tal-mandat biex Maria Dolores *sive* Doris Scerri tintavola l-procedura odjerna f'isem binha Mark, (ara foll 18);

24.2. Il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna, (ara foll 29);

Ikkunsidrat:

A. **Il-Prokura favur Maria Dolores *sive* Doris Scerri**:

25. Illi r-rikorrenti odjern Mark Scerri irrediga prokura favur l-imsemmija ommu fost l-ohrajn anke appozitament ghall-finijiet ta' din il-procedura, (ara foll 120);

26. Illi in effetti fil-klawsola numru tmienja (8) tal-istess prokura jirrizulta specifikament enuncjat li l-imsemmija Doris giet espressament awtorizzata minn binha Mark biex tidher f'ismu fi kwalunkwe proceduri, ghalkemm il-bazi legali hemm indikata tirrizulta palezement erronea, (ara foll 121);

27. Illi ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata ma tistax tigi sostenuta;

28. Illi konsegwentement, l-istess eccezzjoni tas-socjeta` intimata, flimkien mat-tieni eccezzjoni preliminari sollevati mill-intimat Farrugia ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

B. **Il-Preskrizzjoni**:

29. Illi din l-eccezzjoni preliminari giet sollevata mill-intimat Farrugia, (ara foll 29);

30. Illi din l-eccezzjoni kienet deciza permezz ta' sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-24 ta' Mejju, 2011, (ara foll 166);

31. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari in dizamina giet respinta, (ara foll 175);

32. Illi l-intimat Farrugia intavola appell mill-istess sentenza, datat l-20 ta' Gunju, 2011, (ara foll 184);

33. Illi l-istess appell gie deciz mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza datata t-28 ta' Settembru, 2012, (ara foll 217);

34.0. Illi konsegwenza tal-istess: (ara foll 223);

  34.1. L-appell gie respint;

  34.2. Is-sentenza preliminari in dizamina giet ikkonfermata;

  34.3. Gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

  34.4. L-atti gew ghalhekk rinvijati lil din il-qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kaz biex b'hekk jigi deciz il-mertu tal-vertenza;

35. Illi konsegwenza tal-istess, jigi dikjarat li l-istess eccezzjoni preliminari giet debitament respinta b'sentenza li ghaddiet in gudikat wara decizjoni fl-appell;

Ikkunsidrat:

36.0. Illi fir-rigward tal-intimat Paul Farrugia jinghad sintetikament is-segwenti:

36.1. Illi jirrizulta assodat li hu kien qed isuq il-vettura tat-tip Ford Transit numru AAP – 902 fl-20 t'Ottubru, 2006, fi Triq Burmarrad, Burmarrad, limiti ta' San Pawl il-Bahar meta waqt li t-traffiku fl-istess triq kien wieqaf hu baqa` diehel fuq il-vettura tat-tip Citroen Berlingo numru PYR – 200, li min-naha taghha mill-posizzjoni stazzjonarja li kienet fiha kienet imbuttata fuq il-vettura stazzjonarja li kien hemm quddiema tat-tip Toyota Vitz numru GBE – 472, (ara foll 8, 32, 290 u 388);

36.2. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-istess intimat Farrugia naqas li jkun prudenti fis-sewqan tieghu billi jzomm distanza adegwata mill-vettura immedjatament quddiemu;

36.3. Illi rizultat tal-istess impatt hekk ikkagunat mill-intimat Farrugia, r-rikorrenti sofra d-danni fizici fuq gia` elenkati;

36.4. Illi *di piu`* l-istess intimat imbotta l-vettura immedjatament quddiemu biex din sussegwentement habtet ukoll mal-vettura li kien hemm stazzjonarja quddiema;

36.5. Illi s-sahha tal-impatt li jitfa` vettura biex b'velocita` tahbat f'vettura ohra li kienet madwar karozza u nofs 'l boghod minnha jittradixxi l-fatt li l-intimat Farrugia kien qieghed isuq b'velocita` aktar minn dik konsentita;

36.6. Illi konsegwenza tal-istess ghandu jkun pacifiku li fil-mument immedjatament qabel l-impatt *de quo*, l-istess intimat ma kellux kontroll fuq il-vettura misjuqa minnhu;

36.7. Illi *di piu`*, jirrizulta pacifiku wkoll li bis-sewqan tieghu l-istess intimat naqas li jzomm dik id-distanza necessarja li tippermetti sewqan fis-sigurta` dovuta;

36.8. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Ivan Gauci vs. Massimo Apap***, datata t-***30 ta' Mejju, 2008***, fejn il-***Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri)*** sosstniet is-segwenti:

> "Intant, gialadarba hu ppruvat li l-konvenut kien qieghed isegwi il-vettura tal-attur hu l-konvenut li kellu allura jaccerta ruhhu mill-intenzjonijiet tal-attur, u, apparti li jzomm "proper look out", izomm

ukoll "a safe distance" bejn il-vettura tieghu u dik tal-attur. Hu proprju assodat fil-gurisprudenza li sewwieq ta' vettura ghandu jsuq b'mod diligenti tali li jkollu l-kontroll shih tal-vettura misjuga minnu. Konformement ma' dan huwa ghandu l-obbligu li jassikura li s-sewqan tieghu m'jpoggiehx f'sitwazzjoni fejn ma jkunx jirrejagixxi b'mod adegwat ghall-emergenza li tista` tinholoq";

36.9. Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-responsabbilita` shiha ghall-incident in dizamina taqa' kompletament fuq l-intimat Farrugia;

Ikkunsidrat:

37.0. Illi fir-rigward tas-socjeta` intimata *Mapfre Middlesea plc* jinghad sintetikament is-segwenti:

37.1. Illi fit-tieni (2) eccezzjoni taghha s-socjeta` intimata tirrileva li l-intimat Farrugia ma kienx kopert b'polza tas-sigurta`, (ara foll 18);

37.2. Illi l-istess socjeta` wasslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex minn ezami tal-polza assikurattiva tal-vettura misjuqa mill-intimat Farrugia fl-incident *de quo* jirrizulta li l-konducent debitament awtorizzat biex isuq l-istess vettura kellu jkun il-persuna assikurata, f'dan il-kaz certu Charlotte Ciantar, u kwalunkwe persuna li kellu hamsa u ghoxrin (25) sena jew aktar, (ara foll 379);

37.3. Illi fil-hin tal-incident l-intimat Farrugia kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, (ara foll 8 u 377);

37.4. Illi fir-rigward ta' din it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:

37.4.1. Illi l-artiklu 9A(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta jghin ghar-risoluzzjoni tal-istess eccezzjoni;

37.4.2. Illi dan l-artiklu jistabbilixxi s-segwenti:

> “Parti offiza residenti f’Malta jew fi Stat imsemmi u li jkollha jedd ghal kumpens dwar kull telf jew feriment li jirrizulta minn accident, (*recte* incident), kagunat bl-uzu ta’ vettura bil-mutur li tkun assigurata minn assiguratur awtorizzat u nomalment, (*recte*, normalment), bazata f’Malta jew fit-territorju ta’ Stat imsemmi, jkollha jedd dirett ghal azzjoni kontra l-assiguratur awtorizzat f’Malta, jekk:
>
> a. l-accident, (*recte* incident), ikun gara f’Malta jew fi Stat imsemmi...”

37.5. Illi in vista tal-fatt li l-intimat Farrugia kellu tlieta u ghoxrin (23) sena fil-hin tal-incident, is-socjeta` intimata ssosstni li allura dan ma kienx kopert minn polza tal-assikurazzjoni regolarment mahruga minnha;

37.6. Illi pero` in vista tal-artiklu 9A(1) tal-Kap 104 fuq citat, tali eccezzjoni ma treggix;

37.7. Illi in vista tal-artiklu *de quo* jirrizulta pacifiku li kemm- il darba il-vettura involuta tkun assigurata b’polza valida skont il-ligi, allura din tkun bizzejjed biex xorta wahda tistabbilixxi responsabbilita` fuq is-socjeta` assikuratrici *nonostante* l-*caveat* tal-eta` minnha impost fuq il-konducent;

37.8. Illi minn ezami tal-polza assigurattiva in dizamina, (ara foll 379), jirrizulta ampjament assodat li l-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru AAP – 902 kienet debitament assigurata skont il-ligi;

37.9. Illi konsegwentement, it-tieni (2) eccezzjoni tas-socjeta` intimata, (ara foll 18), flimkien mal-eccezzjoni numru tlieta (3)b., (ara wkoll foll 18), ghandhom jigu respinti;

37.10. Illi f’dan l-istadju ssir ukoll referenza ghar-relazzjoni tal-espert mediku fir-rigward fejn allura, in vista tal-premess, l-istess socjeta` intimata ghandha wkoll iggorr ir-responsabbilita` ghall-istess *in solidum* mal-intimat Farrugia;

Ikkunsidrat:

38.0. Illi fir-rigward tal-***Likwidazzjoni tad-Danni***, jinghad sintetikament is-segwenti:

38.1. ***Damnum Emergens***:

38.1.1. Illi r-rikorrenti Scerri pprezenta prospett fir-rigward, (ara foll 297);

38.1.2. Illi fl-istess prospett qieghed jirrikjama ammont imhallas ghal kors fl-MCAST;

38.1.3. Illi f'dan ir-rigward fil-paragrafu 12 tad-dikjarazzjoni guramentata tieghu, (ara foll 35), l-istess rikorrenti jghid li l-ammont imhallas ghall-istess kors hallsuh il-genituri tieghu u mhux hu;

38.1.4. Illi ghalhekk l-ammont hekk imhallas ghall-istess kors ma jistghax jigi ikkonsidrat;

38.1.5. Illi konsegwentement hu biss l-ammont ta' ***hames mija u wiehed u disghin euro u dsatax-il centezmu, (€591.19)***, li jista' jigi hawn ikkunsidrat, (ara foll 57, 115, 116, 117 u 118);

38.2. ***Lucrum Cessans***:

38.2.1. **Dizabilita`**:

38.2.1.i. Illi l-ammont ta' dizabilita` permanenti riskontrata u stabbilita mill-espert mediku hi dik t'**10%**, (ara foll 248);

38.2.2. **Paga**:

38.2.2.i. Illi l-paga tar-rikorrenti qed tigi ikkalkulata a bazi tal-paga li hu kellu fl-2006 meta sehh l-incident *de quo*;

38.2.2.ii. Illi skont l-FS3 tar-rikorrenti jirrizulta li kien jithallas paga ta' mitt Lira Maltin,

(Lm100.00), fil-gimgha, ekwivalenti ghal hamest elef u mitejn Lira (Lm5,200.00), fis-sena;

38.2.2.iii. Illi tenut kont tal-varjazzjoni rizultanti mill-gholi tal-hajja u ta' zidiet potenzjali allura ser tigi adottata paga annwali ta' sitt elef u hames mitt Lira Maltin, (Lm6,500.00), ekwivalenti ghal ***hmistax- il elf mija u hamsa u erbghin euro, (€15,145.00)***;

38.3. ***Lump Sum Deduction***:

38.3.1. Illi f'dan ir-rigward jigi sottolineat is-segwenti:

38.3.1.i. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fis-26 ta' Mejju, 2009, (ara foll 1);

38.3.1.ii. Illi l-istess kawza ser tigi deciza fit-13 t'Ottubru 2016, (ara foll 408);

38.3.2. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Annunzjata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri*** datata s-***27 ta' Frar, 2004***, il-***Qorti tal-Appell*** sostniet li:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

38.3.3. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited***, datata it-***2 ta' Gunju, 2005***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet is-segwenti:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa, (*"lump sum payment"*), lill-beneficjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza

ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

38.3.4. Illi in vista tal-istess, it-tnaqqis minhabba l-hlas f'daqqa hawn riskontrat ghandu jkun t'**10%**;

38.4. Il-**Multiplier**:

38.4.1. Illi r-rikorrenti jirrizulta li twieled fl-14 t'Awwissu tal-1984, (ara foll 76);

38.4.2. Illi ghalhekk meta sehh l-incident in dizamina r-rikorrenti kellu 22/23 sena;

38.4.3. Illi in linea mal-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fil-kawza fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et***, datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, il-***multiplier*** li hawn ghandu jigi adottat hu ta' ***35*** sena;

Ikkunsidrat:

39. Illi ghalhekk id-danni sofferti mir-rikorrenti bhala ***lucrum cessans*** qed jigu stabbiliti bil-mod segwenti:

**€15,145.00 x 10% - 10% x 35**

**€ 1,514.50 – €151.45 = €1363.05 x 35 = €47,706.75**

Ikkunsidrat:

40.0. Illi allura d-danni totali qed jigu stabbiliti bil-mod segwenti:

40.1. **Damnum Emergens: € 591.19;**

40.2. **Lucrum Cessans : €47,706.75;**

40.3. **Total : €48,297.94**

Ikkunsidrat:

41.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

41.1. Filwaqt li tirrespingi r-risposti tas-socjeta` intimata u tal-intimat;

42.2. Takkolji in parte kif fuq espost it-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk:

41.2.1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh unikament tort u htija tal-intimat Paul Farrugia;

41.2.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti Mark Scerri fl-ammont komplessiv ta' tmienja u erbghin elf, mitejn u seba' u disghin euro u erba' u disghin centezmu, (€48,297.94);

41.2.3. Tikkundanna lill-intimati is-socjeta` Mapfre Middlesea plc u Paul Farrugia biex ihallsu *in solidum* l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

41.2.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi li ghandhom jibdew jghoddu mid-data tal-ittra ufficjali mibghuta fir-rigward, senjatament is-6 ta' Marzu, 2008, (ara foll 132), kontra l-istess intimati *in solidum* fuq indikati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**